KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 467 (9-10) b'urġenza

It-Tnejn 3 ta' Frar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku Julian Borg preseda l-laqgħa.

### 467.1 Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2025 - Nominazzjonijiet

Is-Sindku qal li bħal ma diġa ġie imsemmi fis-Seduta preċedenti qed jiġi propost mis-Sotto Kumitat Kultura, li l-għoti tal-unuri jingħata format differenti, li jingħata mertu skond diversi kategoriji: sport, Kultura, volontarjat, sens ċiviku, edukazzjoni, ambjent, żgħażagħ, anzjanita', innovazzjoni u inizjattivi soċjali. L-unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi jingħata lil persuna/entita' waħda li tkun iddistingwiet ruħha b'mod partikolari f'wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma. Is-Sindku talab lill-kunsill jekk jaqbilx li tintuża din is-sistema. Il-Kunsill unanimament qabel.

Is-Sindku qal li kif kien deċiż fl-aħħar Seduta, il-membri tal-Kunsill kellhom iressqu l-ismijiet lill-amministrazzjoni biex jitressqu u jiġu approvati f'din is-Seduta imsejħa b'urġenza.

Il-Kunsillier Albert Pace iffera għall-email riċevuta mis-Segretarju Eżekuttiv li kellha annessi fost oħrajn lista ta' ismijiet bl-onorefiċenzi mogħtija fis-snin passati. Hu qal li ħdejn ismu hemm imniżżel 'irtirata'. Hu qal li dan huwa diżunur għalih u għal familja li xi ħadd ikun ingħata unur u ġie rtirat. Hu qal li jekk kien żball amministrattiv għandu jiġi kkoreġut. Is-Sindku qal li din l-issue u raġunijiet relatati dwar l-irtitar tal Unur (fis-sena 2021) qegħdin kolla dokumentati fil-Minuti ta' dak iż-żmien u jista' jirreferi għalihom.

Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv tressaq l-ismijiet riċevuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv elenkat in-nominazzjonijiet.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Donald Buhagiar | Mertu qasam tal-iSport |
| Fondazzjoni Patrimonju Siġġiewi | Mertu qasam tal-Kultura |
| Is-Sa. Stephanie Vassallo | Mertu qasam tal-Volontarjat |
| Is-Sa. Therese Bonanno | Mertu qasam tal-Edukazzjoni |
| Is-Sur Jim Borg | mertu qasam tas-Sens Civiku |
| Is-Sur Neil Agius | Rikonoxximent (approvat f'Seduta 463) |
| Prof. Joseph Grima | Diversi oqsma – Nominat għal Onorefiċenza |

Is-Sindku talab qbil fuq dawk in-nominazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu li jingħataw ir-rokonixximenti kif elenkati hawn fuq.

Il-laqgħa intemmet fis-6.40 pm.

Konfermati, illum 17 ta' Frar 2025.

| | |
|---|---|
| Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |